KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.6.2004
KUMM(2004) 432 finali

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

L-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-AZZJONI TA' QAFAS "L-AĠĠORNAMENT U S-SIMPLIFIKAZZJONI TA' L-*ACQUIS* KOMUNITARJU"

{SEG(2004) 774}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

L-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-AZZJONI TA' QAFAS "L-AĠĠORNAMENT U S-SIMPLIFIKAZZJONI TA' L-*ACQUIS* KOMUNITARJU"

Il-Komunikazzjoni preżenti titratta u tagħmel analiżi ta' l-implimentazzjoni tal-Qafas għall-Azzjoni ta' Frar 2003 dwar "l-Aġġornament u s-Simplifikazzjoni ta' l-A*cquis* Komunitarju" tal-Kummissjoni ([1]).

Din l-inizjattiva hija waħda minn sensiela ta' azzjonijiet fl-inizjattiva tagħha "Regolamentazzjoni Aħjar" ta' Ġunju 2002 ([2]), li għandha l-għan li tiżgura *corpus* ċar, effettiv, aġġornat u li jinftiehem, u li hu ħafif biex jintuża ta' liġi sekondarja tal-Komunità. Dan il-*corpus* jilqa' għall-għan tat-titjib ta' l-ambjent regolatorju fejn jaħdmu l-kumpaniji sabiex tiġġedded il-kompettività bħala waħda mill-għanjiet stipulati fl-istrateġija ta' Lisbona. Il-leġislazzjoni tal-Komunità l-ġdida bħalissa hi kull ma jmur dejjem aktar suġġetta għall-valutazzjoni ta' l-impatt integrata. Din l-inizjattiva dwar "L-Aġġornament u s-Simplifikazzjoni ta' l-A*cquis* Komunitarju" tikkomplimenta lil dan billi tiffoka fuq is-simplifikazzjoni u l-aġġornament ta' l-istokk tal-leġislazzjoni preżenti.

It-tieni rapport ta' progress, mehmuż ma' din il-Komunikazzjoni ([3]), jipprovdi rendikont dettaljat tal-progress li sar waqt il-Fażi II (Ottubru 2003 - Marzu 2004) u jfassal azzjoni ppjanata waqt il-Fażi III (April – Diċembru 2004), u b'hekk jaġġorna l-programm miftuħ tal-Kummissjoni għall-aġġornament u s-simplifikazzjoni ([4]).

It-tħejjija ta' dan ir-rapport saret fl-istess żmien fejn bdiet tidher żjieda fl-interess u fl-attenzjoni lejn regolamentazzjoni aħjar b'mod ġenerali u s-simplifikazzjoni b'mod partikolari fl-UE u fl-Istati Membri. Dan jintwera fl-Inizjattiva Konġunta dwar ir-Riformi Regolatorji tas-26 ta' Jannar 2004 mill-4 Presidenzi tal-Kunsill fl-2004 u 2005, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-Ħarifa u fix-xogħol kontinwu tal-Kunsill.

Bħala tweġiba għal dan il-momentum politiku mġedded, il-Kummissjoni hija impenjata li ssaħħaħ ix-xogħol tagħha dwar l-aġġornament u s-simplifikazzjoni ta' l-*acquis* Komunitarju iżda mingħajr ma tbiddel fundamentalment il-bażi ġenerali tal-qafas ta' azzjoni adottat fi Frar 2003.

Fi Frar 2003, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni ma' l-istituzzjonijiet l-oħra u l-Istati Membri dwar il-qafas ta' l-azzjoni proposta, imma rċeviet risposta fjakka ħafna. Għalhekk hi tilqa' l-impenn tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2004 biex jistabbilixxi, sa l-aħħar ta' l-2004, il-prioritajiet tal-Kunsill biex jaġġorna u jissemplifika l-leġislazzjoni Komunitarja li l-Kummissjoni sejra tqis - flimkien mal-knotribut mill-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati l-oħra – f'aġġornamenti ġejjieni tal-programm miftuħ multi-annwali tiegħu. Il-Ftehim Inter-istituzzjonali dwar Leġislar Aħjar, li daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2003, għandu jħaffef aktar l-aġġornament u s-simplifikazzjoni ta' l-*acquis* Komunitarju.

---

1 KUMM(2003) 71.
2 KUMM(2002) 278.
3 SEG(2004) 774.
4 Il-Kummissjoni biħsiebha tirrapporta f'aktar dettall dwar il-progress sa l-aħħar ta' l-2004.

B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni tal-qafas ambizzjuz tal-Kummissjoni għall-aġġornament u s-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja qiegħdha tavvanza b'mod sodisfaċenti. Ir-riżultati tal-Fażi II jikkonfermaw li l-momentum qed jinżamm għalkemm hemm ukoll dewmien fit-twettiq ta' ċerti azzjonijiet ewlenin. Fil-fatt, waqt il-Fażijiet I u II, il-priorità ewlenija kienet li jirnexxi t-tkabbir. Il-preparazzjonijiet għal dan naqqsu l-ħeffa ta' ċerti attivitajiet f'oqsma oħra, kif ukoll l-attivitajiet bil-għan li jaġġornaw u jissemplifikaw l-*acquis* Komunitarju.

1. Simplifikazzjoni tal-kontenut tal-leġislazzjoni sekondarja tal-Komunità

Flimkien ma' l-inizjattiva ta' Frar 2003, il-Kummissjoni bdiet proċess ta' **l-eżaminar tas-setturi politiċi** sabiex jiġi identifikat il-potenzjal għas-simplifikazzjoni. Minn Frar 2003, 21 setturi politiċi ġew eżaminati (13-il settur ġie eżaminat waqt il-Fażi II). Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi sabiex jiġi stabbilit l-eżaminar għaż-setturi politiċi kollha sabiex jiġi żgurat li l-potenzjal għas-simplifikazzjoni jiġi sfruttatt bis-sħiħ.

Il-programm miftuħ għall-inizjattivi għas-simplifikazzjoni speċifiċi qiegħed jiġi implimentat b'mod ġenerali skond il-pjan imfassal. Taħt il-Qafas għall-Azzjoni, il-Kummissjoni qiegħdha tħejji għas-simplifikazzjoni ta' sfera vasta ta' leġislazzjoni Komunitarja (iktar minn 60 att legali). Sa l-aħħar ta' Marzu 2004, il-Kummissjoni adottat 30 inizjattiva b'implikazzjonijiet għas- simplifikazzjoni (18-il inizjattiva ġew adottati waqt il-Fażi I u 12 waqt il-Fażi II) – u ġeneralment fiż-żmien stipulat. Minbarra dan, qed ikomplu jiġu identifikati proposti oħra ta' simplifikazzjoni. Għalhekk, 8 inizjattivi ġodda żdiedu mal-programm miftuħ għall-Fażi II (imħabbra fl-1 rapport ta' progress ([5])) u 12-il kandidat ġdid ieħor għas-simplifikazzjoni tħabbru fit-2 rapport ta' progress għall-Fażi III. Minbarra dan, il-Kummissjoni adottat 5 inizzjativi ta' simplifikazzjoni waqt il-Fażijiet I u II anke jekk dawn ma tħabbrux minn qabel bħala tali.

Il-benefiċċji veri tas-simplifikazzjoni jibdew jidhru tassew biss wara l-adozzjoni mil-leġislatur u d-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni semplifikata. Sa l-aħħar tal-Fażi II, 20 proposta ta' simplifikazzjoni għal-leġislazzjoni kienu għadhom pendenti quddiem il-leġislatur (8 minn dawn ġew proposti qabel Frar 2003). Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Parlament u lill-Kunsill biex jipproċedu għall-adozzjoni bikrija tal-proposti ta' simplifikazzjoni filwaqt li jagħtu priorità xierqa lill-għan tas-simplifikazzjoni fil-konfront ta' għanjiet oħra, skond il-Ftehim Inter-Istituzzjonali dwar Leglislar Aħjar.

It-tieni rapport ta' progress joffri identifikazzjoni dettaljata tat-**tip ta' simplifikazzjoni** mfittxija f'termini ta' (1) simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni, (2) simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (UE jew nazzjonali) u (3) simplifikazzjoni tal-piżijiet amministrattivi għall-entitajiet privati (fil-biċċa l-kbira kumpaniji). Fid-dawl tal-prioritajiet approvati uffiċjalment mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2004, ta' minn wieħed jinnota li, sa Marzu 2004, il-Kummissjoni adottat madwar 25 inzijattiva li għandhom jikkontribwixxu biex inaqqsu l-piżijiet amministrattivi għall-entitajiet privati (li jinkludu 8 proposti leġislattivi diġà ppreżentati qabel Frar 2003).

[5] KUMM(2003) 623.

Ta' min ukoll ifakkar li qiegħed isir isforz kontinwu sabiex titjieb il-kwalità ta' l-abbozzi u ċ-ċarezza tal-leġislazzjoni ta' l-UE; għal dan il-għan tfasslu linji ta' gwida dettaljati taħt il-Ftehim Inter-Istituzzjonali ta' l-1998 dwar il-kwalità ta' l-abbozzar tal-leġislazzjoni tal-Komunità.

2. It-tnaqqis tal-volum ta' l-acquis Komunitarju

Fl-2001, il-Kummissjoni stipulat għan għaliha nnifisha sabiex tnaqqas il-volum ta' l-*acquis* b'25 fil-mija (li jikkorrispondi għal-22, 500 paġna tal-Ġurnal Uffiċjali) sa l-aħħar tal-mandat tagħha ([6]). Fl-istess ħin, bdiet programm kbir għal-kodifikazzjoni tal-leġislazzjoni preżenti li, meta ġie jintemm fl-2005, għandu jnaqqas l-*acquis* b'madwar 30.000 sa 35.000 paġna ([7]). Għalkemm dan kien stipulat li jintemm sena aktar tard mill-perjodu tal-mandat, il-Kummissjoni bassret li l-kisba progressiva tal-kodifikazzjoni kienet sejra tasal għall-biċċ l-kbira tat-tnaqqis tal-volum ippjanat. Azzjonijiet oħra bħat-tneħħija tal-leġislazzjoni li m'għadhiex tintuża (l-ebda estimi tal-kwantità ta' dawn m'hi disponibbli) u sa ċertu limitu s-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni jistgħu jikkumplimentaw l-azzjonijiet l-oħra.

Madankollu, bl-implimentazzjoni tal-programm tal-kodifikazzjoni, il-Kummissjoni ltaqgħet ma' problemi li ma pprevedietx li kienu fil-biċċa l-kbira lil hinn mill-kontroll tagħha. B'mod partikolari, it-traduzzjoni ta' l-*acquis* fil-lingwi l-ġodda (li ssir fl-Istati Membri rispettivi) ma ntlaħqitxx sad-data ta' l-adeżjoni u testi meħtieġa għall-kodifikazzjoni fil-lingwi l-ġodda qed isiru disponibbli biss tul is-sena 2004.

Għalhekk, il-Kummissjoni bħalissa tistima li 25 fil-mija ta' l-għan tat-tnaqqis aktarx mhuwiex sejjer jintlaħaq sa l-aħħar ta' l-2004. Madankollu dan il-għan aktarx jintlaħaq fi żmien raġjonevoli minn hawn 'il quddiem fid-dawl tal-progress magħmul fuq livell tekniku ta' kull waħda mill-operazzjonijiet ikkonċernati.

- ***Kodifikazzjoni***

Minbarra l-problemi tat-traduzzjoni msemmija hawn fuq, il-programm ta' kodifikazzjoni għaddej b'mod sodisfaċenti fuq livell tekniku u t-tħejjija tal-kodifikazzjoni żdiedet drammatikament waqt il-Fażi II – għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-atti tal-Kummissjoni, l-attività rduppjat meta mqabbla mal-Fażi I, it-tnejn f'termini ta' numru ta' atti li qed jiġu pproċessati u f'termini ta' numru ta' pagni tal-ĠU li dawk l-atti jirrappreżentaw. Fil-każ ta' l-atti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l-attività ttriplikaat, għal darb' oħra f'termini ta' numru ta' atti u numru ta' pagni tal-ĠU. B'kollox, il-volum tat-test li bħalissa qiegħed jiġi pproċessat jirrapreżenta 'l fuq minn 10.000 paġna. Minbarra l-programm tal-Kummissjoni għall-kodifikazzjoni ta' l-*acquis*, il-kodifikazzjoni ta' kuljum hi wkoll għodda użata fit-tenika leġislattiva magħrufa bħala *recasting*.

Fit-termini tal-proġett li ntemm, jiġifieri atti u proposti adottati mill-Kummissjoni, il-progress waqt il-Fażi II ġie llimitat mill-moratorium ta' disa' xhur (Awissu 2003 – April 2004) fl-adozzjoni u l-pubblikazzjoni ta' atti kodifikati applikati waqt iż-żmien ta' tħejjija għall-adeżjoni. L-iskop tal-moratorium kien li jiżgura li l-proġett ta' kodifikazzjoni ma jimponix piżijiet oħra fuq l-Uffiċċju għal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali u fuq l-Pajjiżi ta' l-Adeżjoni waqt l-aħħar fażi kruċjali tat-tħejjijiet għall-adeżjoni.

---

6 KUMM(2001) 726.
7 KUMM(2001) 645.

Minbarra dan, kif imsemmi hawn fuq, it-tmiem tal-moratorium mhux sejjer ifisser progress fl-adozzjoni ta' dawk l-atti waqt il-Fażi III minħabba l-fatt li, wara l-adeżjoni, kull att ikkodifikat għandu, fil-prinċipju, jiġi adottat f'20 lingwa. Dan ifisser li l-adozzjoni ta' dawk it-testi kkodifikati lesti għall-adozzjoni fi11–il lingwa fl-aħħar tal-moratorium sejrin jiġu sospiżi sakemm il-verżjonijiet tal-lingwi l-ġodda jkunu disponibbli, u li t-tħejjija għat-testi ta' kodifikazzojni oħra għandha tiġi estiża għad-9 lingwi l-ġodda. Għalhekk, tul il-bqija ta' l-2004, l-ebda numru sinifikanti ta' atti kkodifikati mhu se jiġi adottati u ppubblikat fil-ĠU. Hemm bżonn li nistennew sa l-2005 u n-normalizzazzjoni gradwali tas-sitwazzjoni ta' traduzzjoni sabiex naraw il-frott ta' l-eżerċizzju tal-kodifikazzjoni.

Jekk il-programm ta' kodifikazzjoni ma jkunx soġġett għal aktar dewmien, hu essenzjali li l-isforzi għat-traduzzjoni ta' l-*acquis* fil-lingwi l-ġodda jkomplu, jekk mhux jintensifikaw. It-tbassir attwali hu li t-testi aħħarin għandhom ikunu lesti għall-pubblikazzjoni biss fi tmiem l-2004. Sadattant, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, fuq websajt apposta, il-kopji oriġinali ta' l-abbozzi tat-testi kodifikati fil-lingwa utilizzata relevanti sabiex tipprovdi lenti fuq il-progress tax-xogħol u l-aċċess pubbliku għar-riżultati proviżorji ta' din il-ħidma.

- ***It-tneħħija ta' leġislazzjoni li m'għadhiex tintuża***

L-ewwel rapport ta' progress diġà wera d-diffikultajiet ewlenin li jżommu lura l-proċess tat-tneħħija mill-*acquis*ta' leġislazzjoni li m'għadhiex tintuża , b'mod partikolari l-ħtieġa għall-analiżi ta' kull każ tal-bażi legali sabiex tiġi stabbilita l-proċedura xierqa. Waqt il-Fażi II, ftit ħafna kienu l-atti li ġew irrevokati jew iddikjarati bħala li m'għadhomx jintużaw. Minbarra dan, ftit dipartimenti bisstal-Kummissjoni għenu attivament f'din l-azzjoni.

Madankollu, fil-bidu ta' l-2004, linji ta' gwida dettaljati ġew stabbiliti sabiex jitħaffef ix-xogħol tad-dipartimenti tal-Kummissjoni u n-numru totali ta' l-atti kandidati taħt l-eżami għar-revokazzjoni, għad-dikjarazzjoni li m'għadhomx jintużaw jew għall-korrezzjoni amministrattiva fid-*database* ta' referenza inter-istituzzjonali (CELEX) żdied b'mod sinifikanti minn 582 kandidat mħabbra fi Frar 2003 għal madwar 880. L-eżami ta' 361 ta' dawn l-atti dalwaqt jintemm.

Saru sforzi kbar s-sena li għaddiet sabiex jiġi eżaminat l-*acquis* għall-iskop tat-tkabbir. Dan l-eżerċizzju wera li 40 fil-mija biss tal-volum ta' l-*acquis* kien direttament rilevanti għall-pubblikazzjoni tal-lingwi l-ġodda, per eżempju minħabba li ħa l-forma ta' deċiżjonijiet indirizzati lill-Istati Membri individwali jew minħabba li m'għadux jintuża. Fil-waqt li dan m'għandux jittieħed bħala indikazzjoni ta' l-iskop kwantitattiv għat-tneħħija tal-leġislazzjoni li m'għadhiex tintuża, dan l-eżerċizzju marbut mat-tkabbir tejjeb konsiderevolment id-deskrizzjoni ta' l-*acquis* u għandu issa jħaffef il-ħeġġa li biha titneħħa l-leġislazzjoni li m'għadhiex tintuża b'mod aktar formali.

- ***Konsolidazzjoni***

F'Ġunju 2003, l-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali temm il-programm kollu biex jikkonsolida l-*acquis* Komunitarji kollu (fi 11-il lingwa) u r-riżultat hu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' EUR-Lex. Il-konsolidazzjoni tal-leġislazzjoni sekondarja, bħall-kodifikazzjoni, tgħaqqad att legalibażiku u l-atti ta' emenda kollha f'test wieħed. Għalkemm it-testi kkonsolidati li jirriżultaw mhumiex soġġetti għal proċeduri ta' teħid ta' deċiżjoni formali u għalhekk m'għandhomx status legali, iħaffu l-aċċess għal-leġislazzjoni u jnaqqsu l-volum tat-testi.

L-Uffiċċju jkompli jikkonsolida l-leġislazzjoni ta' l-UE b'mod kontinwu u, b'mod partikolari, ikompli jħejji testi kkonsolidati fil-format mixtieq għall-kodifikazzjoni formali sussegwenti. Il-konsolidazzjoni tal-leġislazzjoni sekondarja fil-lingwi l-ġodda sejra tibda f'Settembru 2004, la darba t-traduzzjonijiet meħtieġa huma disponibbli, u se tipproċedi skond il-prioritajiet mmirati lejn l-aktar konklużjoni bikrija kemm jista' jkun tal-programm ta' kodifikazzjoni.